

Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2017 – Mabrouk vs Il-Kunsill**(Kawża T-216/17)**

(2017/C 195/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Mohamed Marouen Ben Ali Ben Mohamed Mabrouk (Tuneż, it-Tuneżija) (rappreżentanti: J-R. Farthouat, N. Boulay, avukati, u S. Crosby, Solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/153, tas-27 ta' Jannar 2017, li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU 2017 L 23, p. 19) sa fejn din tapplika għar-rikorrent; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrent jallega li l-iffriżar tal-assi tiegħu jkser il-prinċipju ta' żmien raġonevoli, stabbilit rispettivament fl-Artikolu 6 tal-KEDB u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrent jallega li l-iffriżar tal-assi ma huwiex suffiċjentement fondat:
 - Kuntrarjament għall-provi prodotti mir-rikorrent, il-Kunsill iqis li l-assi tar-rikorrent ma humiex leġittimi, iżda ma jimmotivax id-deċiżjoni tiegħu.
 - Billi jqis li l-assi tar-rikorrent ma humiex leġittimi, il-Kunsill qed iwettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fattwali, jekk wieħed jassumi li għamel xi tip ta' evalwazzjoni;
 - L-iffriżar ma għandu l-ebda skop sa fejn huwa intiż li jgħin it-Tuneżija tirkupra l-assi miżapproprjati. Madankollu, l-ebda wieħed mill-assi tar-rikorrent ma kien miżapproprjat.
3. Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrent jallega li, sa fejn l-iffriżar tal-assi tiegħu seħħ wara l-waqgħa tal-President Ben Ali, tali ffrizjar jkser id-dritt għax-xogħol tiegħu.
4. Permezz tar-raba' motiv, ir-rikorrent jallega li l-iffriżar huwa, f'kull każ, sproporzjonat u jkser id-drittijiet għall-proprjeta' tiegħu.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2017 – Recylex et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-222/17)**

(2017/C 195/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Recylex SA (Pariġi, Franza), Fonderie et Manufacture de Métaux (Anderlecht, il-Belġju), Harz-Metall GmbH (Goslar, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Wellinger, S. Reinart u K. Bongs, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-8 ta' Frar 2017 (C (2017) 900 finali) dwar proċedimenti skont l-Artikolu 101 TFUE;
- tagħti lir-rikorrenti termini għall-ħlas; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ma applikatx għar-rikorrenti l-punt 26 (l-aħħar paragrafu) tal-Komunikazzjoni dwar il-Kooperazzjoni ⁽¹⁾ fir-rigward tat-tul tal-ksur.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball meta applikatx għar-rikorrenti l-punt 26 (l-aħħar paragrafu) tal-Komunikazzjoni dwar il-Kooperazzjoni fir-rigward ta' Franza.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball meta applikat żieda speċifika ta' 10 % fil-kalkolu tal-multa bbażata fuq il-punt 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi ⁽²⁾
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball meta ma tatx lir-rikorrenti tnaqqis ta' 50 % fil-multa skont l-ewwel inċiż tal-punt 26 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kooperazzjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni kif ukoll tal-prinċipju li l-multa għandha tkun speċifika għal min iwettaq il-ksur.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tuża l-ġurisdiżjoni sħiħa tagħha sabiex tati lir-rikorrenti termini għall-ħlas għal kwalunkwe parti mill-multa li għandha dovuta.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni dwar l-immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-każijiet ta' akkordji (ĠU 2006, C 298, p. 17), kif emendata l-aħħar bil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar emendi għall-Komunikazzjoni dwar l-immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-każijiet ta' akkordji (ĠU 2015, C 256, p. 1).

⁽²⁾ Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(1) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2017 – Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-228/17)

(2017/C 195/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Zhejiang Jndia Pipeline Industry Co. Ltd (Wenzhou, iċ-Ċina) (rappreżentant: S. Hirsbrunner, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/141, tas-26 ta' Jannar 2017, li jimponi dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan (ĠU 2017, L 22, p. 14) sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti;